# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **234/2018**

**BEZZINA GEOFFREY**
[K.I. NRU.166569M]

***VERSUS***

**TANTI AMY ANN**
[K.I. NRU. 131885M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-23 ta' Mejju, 2018 fejn l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' hames mija, tnejn u sebghin ewro (€572.00c) rapprezentanti hlas tar-ram uzat u prestazzjoni ta' servizz ta' xoghol li sehh fl-appartament tal-konvenuta, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attur talab ukoll l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri, ta' ittra ufficjali skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 742/2018. Dwar l-imghaxxijiet, l-attur ma qal u talab xejn.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha u/jew xi difensur ghaliha ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddifferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru, 2018, il-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, izda nonostanti tali notifika, l-istess konvenuta la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha jew difensur ghaliha fis-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal fl-udjenzi li kienu jmissu wara n-notifika lilha ta' l-atti biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Tali konvenuta, ghalhekk, giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza (*a fol*. 13).

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa flimkien ma' l-att promotur (ara *a fol*. 4) u sema' lill-attur fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru, 2018 jistqarr bil-gurament tieghu hekk kif gej: "*Deher l-Attur Geoffrey Bezzina illi bil-gurament tieghu, moghti seduta stante, ikkonferma illi l-Konvenuta ghadha debitrici fil-konfront tieghu fl-ammont ta' EUR572 ghar-ragunijiet imfissra fl-Avviz tat-Talba u li l-ebda pagament akkont ma sehh fil-mori ta' dawn il-proceduri. L-Attur Geoffrey Bezzina ikkonferma bil-gurament tieghu, ghal kull bwon fini, il-kopja tal-ittra ufficjali (Art. 166A Kap. 12) ezebita a fol.4 tal-atti.*" (ara *a fol*. 13).

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-atturi – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attur. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-istess attur is-somma ta' hames mija, tnejn u sebghin ewro (€572.00c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-23 ta' Mejju, 2018 (li hi d-data tal-prezenti sejha gudizzjarja) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawn marbuta ma' l-ittra ufficjali skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 742/2018, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*